

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1696

tal-10 ta' Awwissu 2023

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni għar-registrū Ewropew tat-tipi ta' vetturi awtorizzati msemmija fl-Artikolu 48 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata bid-dokument C(2023) 5020)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(11) u 48(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-ferroviji qed jantalbu jaqdu rwol ewljeni fsistema tat-trasport mingħajr emissjonijiet ta' karbonju, kif ippjanat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-istrateġja għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, u fid-dawl tal-iżviluppi f'dan il-qasam, hija meħtieġa reviżjoni tal-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi ta' Interoperabbiltà (TSIs) attwali.
- (2) Fl-24 ta' Jannar 2020, f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), il-Kummissjoni talbet lill-Агентија tal-Unjoni Ewropea għall-Ferrovji (l-Агентија) biex tħejji rakkmandazzjoni li jappoġġaw objettivi speċifiċi magħżula stabbiliti fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 (³) sabiex jiġu integrati fit-TSIs biex tittejjeb l-interoperabbiltà. Dan jiippermetti wkoll li jkun possibbli li jiġu ffaċilitati, imtejba u żviluppati s-servizzi tat-trasport fil-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u jingħata kontribut għat-tlejtja taż-żona ferrovjarja unika Ewropea u l-kisba progressiva tas-suq intern.
- (3) Fit-30 ta' Ġunju 2022, l-Агентија ġarġet ir-Rakkmandazzjoni ERA 1175-1218 (⁴) dwar diversi TSIs relatati mal-implementazzjoni ta' objettivi speċifiċi skont l-Artikoli 4 sa 6 u 8 sa 10 tad-Deċiżjoni Delegata (UE) 2017/1474.
- (4) B'segwitu għar-Rakkmandazzjoni tal-Агентија, il-Kummissjoni qed temenda diversi TSIs, inklużi t-TSI CCS (⁵), it-TSI LOC&PAS (⁶) u t-TSI WAG (⁷) li huma rilevanti għar-registrū Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ERATV).

(¹) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

(²) Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Агентија tal-Unjoni Ewropea għall-Ferrovji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-objettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 210, 15.8.2017, p. 5).

(⁴) Ir-rakkmandazzjoni ERA 1175-1218 tal-Агентија tal-Unjoni Ewropea għall-Ferrovji dwar il-pakkett ta' reviżjoni tat-TSI tal-2022 -Merkanzija Ferrovjarja u Ekoloġika Diġitali.

(⁵) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-“kontroll-kmand u sinjalazzjoni” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea. (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1)

(⁶) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-“Vetturi ferrovjarji — lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-transport tal-passiġġier” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea. (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228).

(⁷) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE (ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1).

- (5) Għaldaqstant hija meħtieġa reviżjoni tal-parametri tal-ERATV biex jiġu allinjati mar-reviżjoni tat-TSIs rilevanti.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Interoperabbiltà u s-Sikurezza Ferrovjarja, skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2011/665/UE huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2023.

*Għall-Kummissjoni  
Adina-Ioana VĂLEAN  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

## TaqSIMA 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2011/665/UE huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-tabella 2, ir-ringiela nru 4.5.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

“4.5.1	Tagħbija utli permissibbli għal kategoriji ta' linji differenti	[numru] t'għall-kategorija tal-linjal ferrovjarja [sekwenza ta' karattri]	N	N	Y	N	Y”;
--------	---	---	---	---	---	---	-----

- (2) fit-tabella 2, tiżdied it-tabella 4.5.1.1 li ġejja:

“4.5.1.1	Kategorija/i tal-linjal tal-EN	[sekwenza ta' karattri] minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y”;
----------	--------------------------------	--	---	---	---	---	-----

- (3) fit-tabella 2, ir-ringiela 4.5.2, it-tieni kolonna “Massa tad-disinn” hija sostitwita bi “Massa tad-disinn u operattiva”

- (4) fit-tabella 2, jiżdiedu r-ringieli 4.5.2.4 u 4.5.2.5 li ġejjin:

“4.5.2.4	Massa operattiva fil-kundizzjoni ta' tħaddim	[numru] kg	Y	Y	N	N	Y
4.5.2.5	Massa operattiva taħt tagħbija utli normali	[numru] kg	Y	Y	N	N	Y”;

- (5) fit-tabella 2, jiżdiedu r-ringieli 4.9.3.1 u 4.9.3.2 li ġejjin:

“4.9.3.1	Lubrikazzjoni tal-flanġ installata	(Y/N)	Y	Y	N	Y	Y
4.9.3.2	Possibbiltà li jiġi evitat l-użu tal-apparat ta' lubrikazzjoni (jekk ikun installat b'lubrikazzjoni tal-flanġ biss)	(Y/N)	Y	Y	N	Y	Y”;

- (6) fit-tabella 2, tiżdied ir-ringiela 4.10.16 li ġejja:

“4.10.16	Vettura mgħammra bi ħżin tal-enerġija elettrika għal finijiet ta' trazzjoni u bil-funzjoni ta' ċċarġjar bl-OCL meta wieqfa	[Boolean] Y/N	Y	N	N	Y	Y”;
----------	--	---------------	---	---	---	---	-----

(7) fit-tabella 2, ir-ringieli 4.13.1.1 sa 4.13.1.9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4.13.1.1	Tagħmir tal-ETCS abbord u s-sett ta' spċifikazzjonijiet mill-Appendiċi A tas-CCS TSI	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	N
4.13.1.5	Sistemi ta' legat ta' Klassi B jew oħrajn ta' protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji installati (sistema u, jekk applikabbli, verżjoni)	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y
4.13.1.7	Implimentazzjoni abbord tal-ETCS	[Sekwenza ta' karattri]	Y	Y	N	Y	N
4.13.1.8	Kompatibbiltà tas-Sistema tal-ETCS	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y
4.13.1.9	Immaniġġjar ta' informazzjoni dwar il-kompletezza tal-ferrovija (mhux mis-sewwieq)	[Boolean] Y/N	Y	Y	N	Y	Y";

(8) fit-tabella 2, jiżdiedu r-ringieli 4.13.1.10 u 4.13.1.11 li ġejjin:

"4.13.1.10	Informazzjoni dwar it-tul sikur tal-kompożizzjoni tal-ferrovija minn abbord meħtieġa għall-aċċess għal-linja u s-SIL korrispondenti	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	Y
4.13.1.11	Pakkett ta' verżjonijiet tas-sistema tal-ETCS imħaddma legalment	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	Y";

(9) fit-tabella 2, ir-ringieli 4.13.2.1 sa 4.13.2.12 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4.13.2.1	Radju bil-vuċi GSM-R abbord u l-Linja Bażiżieghu	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	N
4.13.2.3	Sistemi ta' legat tar-radju ta' klassi B jew sistemi ta' legat oħrajn installati (sistema u, jekk applikabbli, verżjoni)	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y

4.13.2.5	Kompatibbiltà tas-Sistema tar-Radju bil-Vuċċi	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y
4.13.2.6	Implimentazzjoni ta' komunikazzjoni bil-vuċċi u operattiva GSM-R	[Sekwenza ta' karattri]	Y	Y	N	Y	N
4.13.2.7	Komunikazzjoni tad-Data bir-Radju GSM-R abbord u l-Linja Bażitiegħu	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	N
4.13.2.8	Kompatibbiltà tas-Sistema tad-Data tar-Radju	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	Y	Y	N	Y	Y
4.13.2.9	Applikazzjoni għall-komunikazzjoni tad-data GSM-R għall-implementazzjoni tal-ETCS u tal-ATO	[Sekwenza ta' karattri]	Y	Y	N	Y	N
4.13.2.10	Network Domestiku GSM-R ta' SIM Card bil-vuċċi	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	Y
4.13.2.11	Network Domestiku GSM-R ta' SIM Card bid-Data	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	Y
4.13.2.12	Appoġġ ta' SIM Card bil-vuċċi GSM-R tal-ID tal-Grupp 555	[Boolean] Y/N	Y	Y	N	Y	Y";

(10) fit-tabella 2, jiżdiedu r-ringieli 4.13.3 sa 4.13.3.2 li ġejjin:

“4.13.3	ATO	Intestatura (l-ebda data)					
4.13.3.1	Verżjoni tas-sistema tal-ATO abbord	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita	Y	Y	N	Y	N
4.13.3.2	Implimentazzjoni tal-ATO abbord	[Sekwenza ta' karattri]	Y	Y	N	Y	N";

(11) fit-tabella 2, jiżdiedu r-ringieli 4.15 sa 4.15.3 li ġejjin:

“4.15	Funzjonijiet ta' deteżżjoni u prevenzjoni tal-ħruġ tal-ferroviji 'l barra mil-linji	Intestatura (l-ebda data)					
-------	---	---------------------------	--	--	--	--	--

4.15.1	Preżenza u tip ta' funzjoni(jiet) ta' deteżżjoni u prevenzjoni tal-ħruġ tal-ferroviji 'l barra mil-linji	[Sekwenza ta' karattri] Minn lista predefinita (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	N	N	Y	N	N
4.15.2	Preżenza ta' funzjoni ta' prevenzjoni u deteżżjoni tal-ħruġ tal-ferroviji 'l barra mil-linji	[Boolean] Y/N	Y	N	N	N	N
4.15.3	Preżenza ta' pproċessar tas-sinjal ta' prevenzjoni u deteżżjoni tal-ħruġ tal-ferroviji 'l barra mil-linji	[Boolean] Y/N	Y	N	N	N	N".

(12) Fl-Anness III, il-frażi introduttorja fuq it-tieni tabella u t-tieni tabella huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Fejn:

‘Il-Qasam 1 (iċ-ċifri 1 u 2) huwa assenjat skont il-kategorija u s-subkategorija tat-tip ta' vettura f'konformità mat-tabella li ġejja:

Kodiċi	Kategorija	Sottokategorija
11	Vetturi tat-trazzjoni	Lokomotivi
12		Grupp motopropulsiv (jew vagun awtopropulsiv)
13		Trainset tal-passiġġieri awtopropulsiv
14		Riżervat
15		Riżervat
16		Awtovagun
17		Shunter
18		Tramm
19		Oħrajn (ara l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797)
31	Vetturi tal-passiġġieri rmunkati	Kowċ
32		Riżervat
33		Vann
34		Riżervat
35		Trasportatur tal-vetturi
36		Kowċ tas-Sewqan
37		Riżervat
38		Vann tas-Sewqan
39		Rake fissa tal-kowċis
40		Riżervat
41		Oħrajn
42-49		Riżervat

Kodiċi	Kategorija	Sottokategorija
51	Vaguni tal-merkanzija (irmunkati)	Vagun tal-merkanzija
52		Riżervat
53		Rake fissa tal-vaguni tal-merkanzija
54		Bogies ferrovjarji separati konnessi ma' vettura/i tat-triq kompatibbli
55-59		Riżervat
71	Vetturi speċjali	Vettura speċjali awtopropulsiva. <i>Dan il-kodiċi ma għandux jintuża wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni</i>
72		Magni ta' fuq il-binarji (OTMs)
73		Vetturi speċjali rmunkata <i>Dan il-kodiċi ma għandux jintuża wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni</i>
74		Vetturi għall-spezzjoni tal-infrastruttura
75		Vetturi ambjentali
76		Vetturi tal-emerġenza
77		Vetturi tat-triq/ferrovjarji
78		Riżervat
79		Riżervat".